# LILL-ĠNEJNA TIEGĦI

Ġnejna ħelwa, kif tbiddiltli!
    Int kont l-hena, l-għaxqa tiegħi:
Issa sfajt waħdek, u donni
    Qed nisimgħek tagħdab miegħi
U ssaqsini b'karba kbira:
    "Din l-imħabba l'inti wrejtni
Issa tlaqt, tbegħidt minn ħdejja
    Bla ma ġejt ftit ilma sqejtni?"

"Wasal Mejju bħas-snin l-oħra,
Ix-xahar ħlejju u fewwieħ;
Imma, għidli, daqsxejn waħda,
Fejn hu, Sidi, l-ward sabiħ?
Kollox mejjet, ħares naqra,
Siġar sofor, bl-għatx nexfin,
U ma' l-art mitluqa x-xtieli
Mingħajr ħajja, l-koll mejtin".

Le, ja ġnejna, xejn twiddibni
Għaliex jiena ma għandix ħtija,
Ħtija biss tal-għadu kiefer
Li ġie jħebb għall-Art Maltija:
Kien jum ikrah, meta fl-ajru
Dehru jseqqru ajkli kbar
Xħin għal fuqhom b'qawwa kbira
Fetħet Malta f'daqqa n-nar.

U beżgħana, u maqtugħa
Ħamba waħda Malta ġriet:
Min għal naħa, min għal oħra
Kulħadd tbiegħed mill-ibliet;
Jien ukoll ħtieġli nitbiegħed
Minn dil-Belt fejn kont twelidt,
B'għafsa f'qalbi, b'weġgħa f'moħħi
Minnek jien, ja ġnejna nfridt.

'Mma, xejn tibża', ġnejna msejkna,
Għad il-lejl jinbidel f'sebħ
U 'l Brittanja qatt mirbuħa
Minn dal-ġlied ikollha r-rebħ;
U jien nerġa' lura f'dari
Bħal ma kont qabel ferħan,
Jerġgħu f'qalbi, jerġgħu f'moħħi
Jaħkmu l-hena u s-serħan:
W inti terġa' kif kont qabel
U ġo fik dlonk terġa' l-ħajja
Jerġgħu s-siġar b'weraq ħodor;
Jerġa' jkollok ward bil-qtajja'.

ĠORĠ CHETCUTI

26 / 6 / '41.